# KUNSILL LOKALI TAL-IMQABBA

29, TRIQ IL-PARROĊĊA, L-IMQABBA MQB 1512

TEL: 2168 0622

E-MAIL: mqabba.lc@gov.mt

L-Imqabba Local Council

**Minuti tal-48 laqgħa tat-8 leġislatura tal-Kunsill Lokali tal-Imqabba li nżammet it-Tlieta 25 ta' Ottubru 2022 fil-5:00 p.m. fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill, 29, Triq il-Parroċċa, l-Imqabba.**

**Preżenti** :

| | |
|---|---|
| Grace Marie Zerafa | Sindku |
| Henry Zaffarese | Viċi-Sindku |
| Jonathan Dingli | Kunsillier |
| Owen Sciberras | Kunsillier |
| Raymond Decelis | Kunsillier |

**Uffiċċjal** :

| | |
|---|---|
| Fabian Mizzi | Deputat Segretarju Eżekuttiv |

Is-Sindku ippresjediet il-laqgħa.

48.01 **Talba**

48.01.01 Il-laqgħa bdiet billi ntqalet it-talba mis-Sindku.

48.02 **Qari tal-ittri ta'apoloġiji**

48.02.01 Is-D.S.E. nforma li ma kienx hemm ittri ta' apoloġija.

48.03 **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti tal-laqgħat numri 46 u 47**

48.03.01 Il-Minuti tal-laqgħa nru 46 ġew approvati unanimament kif emendati. Is-Sindku ipproponiet u l-Kunsillier Decelis issekonda.

48.03.02 Il-Minuti tal-laqgħa nru 47 ġew approvati unanimament. Il-Kunsillier Dingli ippropona u l-Kunsillier Sciberras issekonda.

48.04 **Komunikazzjoni mis-Sindku**

48.04.01 Is-Sindku nfurmat li kellha laqgħa mas-CEO ta' IM li għaliha attendiet ukoll l-Ass. Uffiċjal Prinċipali. Hija qalet li rigward Triq tas-Sejba hemm problema minħabba d-*diversion* u għal dan il-għan ser tintbagħat email il-Ministeru sabiex tinstab soluzzjoni minħabba l-periklu li jeżisti. Rigward il-bankina ta' Triq Karmenu Ciantar, hija qalet li IM ser jiċċekkjaw ir-*records* tagħhom ta' meta saret il-bankina iżda jidher li ser jaċċettaw li l-bankina issir minn IM bil-Kunsill iħallas id-differenza fil-materjal. Hija nfurmat li dan ix-xogħol ser isir is-sena d-dieħla. Hija qalet ukoll li ġiet infurmata li Triq Baskal Xuereb u Triq Mons. A. Caruana mhux ser isiru din is-sena u skont IM dawn qatt ma kienu ippjanati li jsiru din is-sena. Rigward Sqaq Buħar hemm *issue* rigward espropjazzjoni tal-art però ġie deċiż li x-xogħol għandu jitkompla fuq l-isqaq kif inhu mingħajr ma ssir l-espropjazzjoni għax inkella jitwal iż-żmien. Rigward dan l-isqaq ġie deċiż li niktbu l-Ministeru għall-Enerġija sabiex

isir id-dawl. Rigward il-Ħajt tal-Matla, hija qalet li IM kienu jafu li kien hemm parti nieqsa u din ma saritx għax ma kienx instab il-materjal però issa huwa ttamat li sa din il-ġimgħa titlesta. Rigward il-ħajt tal-kantun li nbeda biswit il-Ħajt tal-Matla, IM mhux lesti li jaċċettaw li jitneħħa minħabba l-periklu li jeżisti mid-dizlivell. Hija qalet li IM kienu ser jagħmlu 7,000 metri kwadri ta' toroq kull sena bejn l-2023 u l-2025 u l-Kunsill irid jippreżenta l-prijoritajiet tiegħu. Kien hemm qbil li l-Kunsill jipproponi : Triq Mons. A. Caruana / Triq tal-Franka / Triq Baskal Xuereb / Triq il-Madonna tal-Ġilju / Triq il-Katakombi u Triq il-Murselli.

48.04.02 Is-Sindku nfurmat li mill-iskema tal-*Playing Fields* konna ġejna allokati € 45,000 però dan l-ammont mhux biżżejjed sabiex ikun jista' jsir ix-xogħol kollu. Hija qalet li kienet kellmet lil-*Parks Malta* però dawn ma jistgħux jgħinu f'dan il-proġett. Fiċ-ċirkostanzi kien hemm qbil li l-Kunsill ikompli jiffinanzja dan il-proġett mid-*Development Planning Funds* permezz tar-Reġjun. Għal dan il-għan ġie deċiż li ssir laqgħa mad-*Designer* Mario Cassar.

48.04.03 Is-Sindku nfurmat li kienet irċeviet talba sabiex isiru *Sleeping Polic*eman fi Triq il-Kileb. Ġie deċiż li jintbagħatu l-ittri lir-residenti sabiex naraw jekk hemmx l-approvazzjoni tagħhom għal dan.

48.04.04 Is-Sindku nfurmat li rigward *Sleeping Policeman* fi Triq il-Familja Brancati, konna rċivejna 2 risposti bil-miktub : 1 favur u l-oħra kontra. Fiċ-ċirkostanzi ġie deċiż li għandhom isiru 2 *Sleeping Policeman*, waħda f'kull tarf tat-triq. Hija qalet li l-kuntrattur tat-tabelli u sinjali tat-toroq ma kienx qed jaqdina u għalhekk ġie deċiż li dan għandu jingħata ċans ta ġimgħa u jekk ma jagħmilx dak li għandu ordnat, il-Kunsill jinfurmah li ser jaħdem b'kuntrattur ieħor u tinħareġ *Default Notice*.

48.04.05 Is-Sindku nfurmat li kienet saritilha talba sabiex Triq Santa Katerina, jew għallinqas parti minnha ssir *One Way*. Wara diskussjoni qasira ġie deċiż li deċiżjoni finali għandha tittieħed wara li ssir laqgħa ma' TM u MTP rigward il-karozzi tal-linja.

48.04.06 Is-Sindku ssuġġeriet li ssir laqgħa mal-Kumitat tal-Mqabba FC u kien hemm qbil li din issir it-Tnejn 14 ta' Novembru fis-6.00 pm.

48.04.07 Is-Sindku nfurmat li nhar il-Ħadd kienet ser torganizza *Afternoon Tea* ġewwa l-iskola tar-raħal.

48.05 **Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri**

48.05.01 Il-Viċi-Sindku issuġġerixxa li jinqata l-ħaxix tas-*central strip* ta' Triq il-Konvoj ta' Santa Marija. Ġie deċiża li dan ix-xogħol isir mill-ħaddiema tal-Kunsill.

48.05.02 Il-Kunsillier Dingli ssuggerixxa li fi Triq il-Familja Brancati fuq ix-xellug jitneħħa d-*Double Yellow Line* sabiex ikun hemm aktar *parking* ta' vetturi. Ġie deċiż li naraw għaliex sar id-Double Yellow Line qabel tittieħed deċiżjoni finali.

48.05.03 Il-Kunsillier Dingli staqsa għal *update* dwar il-*One Way* fi Triq Kirkop. Is-Sindku wieġbet li wara li konna avviċinajna lis-Sindku taż-Żurrieq li uriet li ma taqbilx ma din il-proposta, ma kien sar xejn iktar.

48.05.04 Il-Kunsillier Dingli staqsa għal *update* dwar is-*Sleeping Policeman* fi Triq il-Barrieri. Id-DSE informa li konna għadna qed nistennew mingħand TM.

48.05.05 Il-Kunsillier Dingli issuġġerixxa li l-istatwi li hemm f'tal-Mentna jerġgħu jibdew jixgħelu. Is-Sindku nfurmat li wieħed mill-ħaddiema tal-Kunsill kien diġà qed jaħdem fuqha.

48.05.06 Il-Kunsillier Dingli ssuġġerixxa li tinbidel il-*Battery Pack* tal-Ġnien tal-Gilju. Is-Sindku nfurmat li kienet ser tgħid lill-ħaddiem tal-Kunsill sabiex jagħmel dan ix-xogħol.

48.05.07 Il-Kunsillier Dingli talab għal *update* dwar il-ġnien fuq il-ġibjun u s-Sindku nfurmat li għalissa l-prijorità kienet Ġnien Onġi Onġella għax inutli li jkollna ħafna ġonna u manutenzjoni ma ssir xejn.

48.05.08 Il-Kunsillier Dingli issuġġerixxa li ladarba Ġnien Onġi Onġella jitranġa, dan jibda jingħalaq sabiex ma jkunx hemm vandaliżmu. Is-Sindku nfurmat li minbarra li rridu naraw la darba jitlesta jkunx jista' jingħalaq, inkunu rridu naraw ukoll min ser jagħlqu u jiftħu kuljum.

48.05.09 Il-Kunsillier Dingli issuġġerixxa li l-Kunsill jorganizza ħarġa għal dramm tal-Ġimgħa l-Kbira u s-Sindku wieġbet li għalkemm din tista' ssir, fil-fehma tagħha għadu kmieni wisq biex wieħed jiddeċiedi.

48.05.10 Il-Kunsillier Decelis informa li dwar il-*Plier* li kien semma fl-aħħar laqgħa, huwa kien tkellem ma Prof. Mangion u Charles Farrugia però ma kien sab xejn.

48.05.11 Il-Kunsillier Decelis ilmenta dwar il-fatt li Triq Karmenu Ciantar hija mudlama u s-Sindku wieġbet li ladarba tinbidel il-bankina kienu ser jinbidlu wkoll il-fanali li diġà qeghdin għandna. Kien hemm qbil li nkellmu lin-Nexos sabiex jara li l-bozoz li hemm maqtugħa jinbidlu kemm jista' jkun malajr.

48.05.12 Il-Kunsillier Decelis issuġġerixxa li jitwaħħal *Dog Bin* fi Triq iż-Żurrieq. Dwar dan kien hemm qbil.

48.05.13 Il-Kunsillier Decelis informa li fi Ġnien Mikielanġ Sapiano kien hemm siġra mejta. Kien hemm qbil li ninfurmaw lill-kuntrattur sabiex jaqlagħa.

48.05.14 Il-Kunsillier Sciberras talab għal *update* dwar il-*Parking Bays* fis-*side roads* tal-Konvoj ta' Santa Marija u DSE informa li konna għadna rridu ninfurmaw lill-kuntrattur il-ġdid dwarhom però konna għadna qed nistennew li jsir xi xogħol ieħor li kien għadu pendenti.

48.05.15 Il-Kunsillier Sciberras talab għal *update* dwar l-aċċess għal garaxxijiet fi Sqaq l-iSptar u ġie deċiż li għandna nsibu ġurnata meta l-Perit u l-kuntrattur ikunu jistgħu imorru fuq il-post mal-Kunsillier Sciberras.

48.05.16 Il-Kunsillier Sciberras talab li jitnaddaf u jitranġa l-passaġġ fi Triq tal-Franka ħdejn il-Ġibjun. Ġie deċiż li naraw x'jista' jsir mill-ħaddiema tagħna u dwar il-kumplament inkellmu lill-PWD kif ukoll li jsiru tabelli *Keep Clear* fuq iż-żewġ naħat.

48.05.17 Il-Kunsillier Sciberras ilmenta dwar *scooters* li qed jitħallew ipparkjati quddiem residenzi fuq il-bankina u s-Sindku wieġbet li din tista' tissolva biss permezz tal-infurzar.

48.05.18 Il-Kunsillier Sciberras informa li kien irċieva talba sabiex issir *Zebra Crossing* fi Triq il-Madonna tal-Ġilju. Kien hemm qbil li din it-talba għandna tiġi nvestigata.

48.05.19 Il-Kunsillier Sciberras informa li kien irċieva talba sabiex issir bozza fin nofs ta' Triq l-Aħwa Ghigo. Din it-talba ġiet approvata.

48.05.20 Il-Kunsillier Sciberras informa li kien irċieva talba sabiex issir bozza fi Sqaq Nru 4, Triq Xagħri l-Imqalleb. Ġie deċiż li għandna naraw eżatt x'jinvolvi sabiex issir din il-bozza qabel tittieħed deċiżjoni finali.

48.05.21 Il-Kunsillier Sciberras talab għal *update* dwar id-*Double Yellow Line* maddawra tal-Mentna. Id-DSE informa li konna għadna qed nistennew l-approvazzjoni ta' TM.

***Il-Kunsillier Decelis ħalla l-laqgħa fis-7.25 pm minħabba mpenji personali.***

48.05.22 Il-Kunsillier Sciberras informa li kien irċieva talba sabiex isir *Double Yellow Line* fi Triq San Bażilju faċċata fejn qabel kien hemm il-ħanut tal-ħaxix. Ġie deċiż li din it-talba tiġi riferuta lil TM.

48.05.23 Il-Kunsillier Sciberras talab għal *update* dwar il-qlugħ ta' arblu antik fi Triq iċ-Ċavi u s-Sindku nfurmat li kienet qed titkellem mal-Ministeru.

48.05.24 Il-Kunsillier Sciberras informa li kien irċieva talba sabiex isir *Double Yelow Line* faċċata ta' garaxx fi Triq il-Katakombi kantuniera ma' Triq Kirkop. Ġie deċiż li din it-talba tiġi riferuta lil-TM.

48.05.25 Il-Kunsillier Sciberras informa li persuna kienet lesta li tagħti donazzjoni ta' 100 siġra tal-ħarrub sabiex jitħawwlu fir-raħal. Is-Sindku nfurmat li żgur mas kienx hemm post għal 100 siġra però forsi nkunu nistgħu nħawwluha waħda flok is-siġra li mietet fi Ġnien Mikielanġ Sapiano.

48.06 **Korrispondenza, ilmenti u ordnijiet ta' xogħlijiet**

48.06.01 Korrispondenza mingħand id-DLG rigward Proċedura ġdida dwar l-għażla ta' Segretarju Eżekuttiv ta' Kunsill Lokali u Reġjonali. Il-Kunsill innota l-kontenut ta' din il-korrispondenza.

48.06.02 Ċirkulari Cir AKL 2022/093 mingħand l-AKL rigward *Grant Scheme for the Implementation of Active Mobility or Citizen Engagement Measures*. Il-Kunsill innota l-kontenut ta' din il-korrispondenza.

48.06.03 Ċirkulari Cir AKL 2022/094 mingħand l-AKL rigward Laqgħa tas-Sindki u Viċi Sindki fil-5 ta' Novembru. Is-Sindku u l-Viċi Sindku ser jattendu.

48.06.04 Ċirkulari Cir AKL 2022/96 rigward *ROTA Bicycle Racks* – Local Council Initiative. Il-Kunsill innota l-kontenut ta' din il-korrispondenza.

48.06.05 Ċirkulari Cir AKL 2022/103 rigward *Fun Run 2022*. Ġie deċiż li inizjalment għandna nitolbu li jkollna 100 flokk f'qisien differenti filwaqt li nħeġġu lir-residenti sabiex jipparteċipaw.

48.06.06 Korrispondenza mingħand l-Assoċjazzjoni tan-Naħħala Malta sabiex il-Kunsill jiffirma MOU sabiex ma jinqatax ħaxix selvaġġ minn Ottubru sa April ta' kull sena. Il-Kunsill innota l-kontenut ta' din il-korrispondenza.

48.06.07 Korrispondenza mingħand is-Sur Cachia li flimkien mal-librara jieħu ħsieb il-librerija lokali. Ġie deċiż li għanda tinstab data sabiex issir laqgħa bejn is-Sindku, l-Kunsillier Sciberras, is-Sur Cachia u l-librara.

48.06.08 Korrispondenza mingħand TM dwar it-talbiet tagħna dwar Sqaq l-Isptar u Triq tas-Sejba. Ġie deċiż li għandhom jiġu ordnati t-tabelli u s-*Sleeping Policeman* kif approvati.

48.06.09 Korrispondenza mingħand Citrus fejn ġejna nfurmati li tbassar il-pjan li banda ta' skola Ingliża tagħti kunċert ġewwa l-Imqabba f'Lulju li ġej. Il-Kunsill innota l-kontenut ta' din il-korrispondenza.

48.06.10 Korrispondenza mingħand il-*Commission on Gender-based Violence and Domestic Violence* sabiex issir tabella fuq arblu fil-Pjazza sabiex iqajjem kuxjenza dwar il-vjolenza domestika. Il-Kunsill approva din it-talba.

48.06.11 Korrispondenza mingħand il-Wasteserv dwar *European Week for Waste Reduction 2022*. Il-Kunsill innota l-kontenut ta' din il-korrispondenza.

48.06.12 Korrispondenza mingħand l-MDIA rigward *Innovative Technology in Local Communities Scheme*. Il-Kunsill innota l-kontenut ta' din il-korrispondenza.

48.06.13 Korrispondenza mingħand il-ġenituri tat-tfal li allegatament ikkawżaw ħsara fil-bandla għal persuni bi bżonnijiet speċjali fi Ġnien Tfal ir-Raħal. Wara diskussjoni

qasira, l-Kunsill iddeċieda li jitlob lis-*supplier* sabiex jara l-ispiża nvoluta sabiex tissewwa l-bandla.

48.06.14 Korrispondenza mingħand resident dwar periklu minn siġar fi Triq il-Qrendi. Ġie deċiż li nitolbu lill-kuntrattur sabiex jieħu ħsieb jiżbor dawn is-siġar.

48.06.15 Korrispondenza mingħand resident dwar problema minn vetturi li qed jikkawżaw ħsara fil-propjetà tiegħu fi Triq Valletta. Id-DSE informa li huwa kien spjega lir-resident li għall-Kunsill il-każ huwa magħluq wara l-inizjattivi li ttieħdu mill-Kunsill xi ġimghat ilu. L-Kunsillier Sciberras kompla jżid li l-problema kollha ddur mal-infurzar tat-tabelli li hemm viċin l-imsemmija residenza u li dwarha l-Kunsill ma jista' jagħmel xejn aktar.

48.06.16 Korrispondenza mingħand iż-żewġ Soċjetajiet tal-Baned fir-raħal dwar attività li t-tnejn li huma kellhom ippjanat fl-istess ġurnata f'Diċembru. Wara diskussjoni ġie unanimament deċiż li għal din is-sena l-permess għall-attività jinħareġ lis-Soċjetà li kienet applikat l-ewwel u li f'Jannar issir laqgħa maż-żewġ Soċjetajiet f'daqqa sabiex fil-futur tiġi evitata sitwazzjoni simili.

48.06.17 Id-DSE ippreżenta t-3 kwotazzjonijiet sabiex issir sistema ta' *Intercom* ġewwa l-uffiċċju tal-Kunsill. Ġie unanimament deċiż li tingħażel l-orħos offerta wara li anke l-*electrician* tal-Kunsill ikkonferma li din is-sistema hija addattata għall-bżonnijiet tagħna.

48.06.18 Id-DSE irrefera għall-korrispondenza li kien bgħat il-ġurnata ta' qabel dwar applikazzjoni PA0350/22 sabiex fost l-oħrajn ikun hemm *crusher* ġewwa barriera fi Triq Valletta, liema art hija ODZ. Wara diskussjoni bejn dawk preżenti, ġie deċiż bi 3 voti favur u 1 kontra, li l-Kunsill għandu joġġezzjona għal dan l-iżvilupp fuq il-bażi li dan qed jiġi propost fuq art ODZ kif ukoll dwar il-konsegwenzi li tali żvilupp ser iħalli fuq l-iskola u r-residenti tar-raħal.

***Peress li kienu għaddew 3 siegħat mill-bidu tal-laqgħa, d-DSE staqsa lill-membri jekk kienx hemm qbil li l-laqgħa titkompla u dwar dan kien hemm qbil unanimu***

48.07 **Post-mortem Jum l-Imqabba 2022**

48.07.01 Is-Sindku qalet li fil-fehma tagħha, b'mod ġenerali morna tajjeb anke għal mod kif ħdimna flimkien. Hija irringrazzjat lill-Kunsillier Sciberras li ħa ħsieb it-*trophies* kif ukoll lill-Kunsillieri Decelis u Sciberras li ħadu ħsieb l-attività sportiva s-Sibt fil-għodu. Hija irringrazzjat ukoll lill-Viċi-Sindku għas-sehem tiegħu fid-diversi attivitajiet. Hija qalet li ż-żjara li saret il-Ħadd fil-każini wara l-quddiesa ntlaqgħet tajjeb. Hija kompliet li l-uniċi diżappunti kienu l-attendenza fqira għall-Opera fil-Pjazza li saret il-Ġimgħa kif ukoll għal xi kummenti minn xi residenti dwar is-sit tal-attivitajiet.

Is-Sindku kompliet li l-ideja tal-Viċi-Sindku li ż-żewġ baned jingħaqdu f'banda waħda sabiex jagħtu kunċert hija tajba però logistikament ma taħdimx. Il-Kunsillier

Sciberras semma li s-Soċjetà li ma tkunx involuta fil-Kunċert ta' Ġieh l-Imqabba tista' tkun involuta f'attività li ssir il-Ġimgħa. Fuq suġġeriment tal-Kunsillier Sciberras, kien hemm qbil li tintbagħat ittra ta' ringrazzjament lill-Ministru O. Bonnici għall-għajnuna tiegħu fl-Opera fil-Pjazza kif ukoll lis-Soċjetajiet li pparteċipaw fl-attività sportiva tas-Sibt fil-għodu. Kien hemm qbil ukoll li għal attività sportiva oħra, għandu jkun hemm palk u sistema ta' *sound*.

48.08 **Milied 2022**

48.08.01 Is-Sindku nfurmat li s-Slitta ta' Santa Klaws kienet ġiet ikkonfermata għat-Tlieta 20 ta' Diċembru bejn il-5.30 pm u s-7.30 pm. Il-*Party* għat-tfal għandu jsir is-Sibt 17 ta' Diċembru ġewwa s-Sala tal-Iskola. Hija kompliet li r-Reġjun kien ser joffri € 2,000 għal attivitajiet relatati mal-Milied u pproponiet sabiex issir attività meta tkun ser tinxtgħel il-Pjazza fl-1 ta' Diċembru. Hija issuġġeriet li għandu jinġieb *train* sabiex idawwar it-tfal mar-raħal, *Bouncing Castle* fil-Pjazza kif ukoll li tingħalaq il-Pjazza. Hija issuġġeriet ukoll li nippruvaw nagħmlu *Rock Mass* il-Ħadd 18 ta' Diċembru fl-10.00 am. Il-Kunsillier Dingli ppreżenta 3 kwotazzjonijiet sabiex ikun hemm sistema ta' *sound* b'diski tal-Milied fil-Pjazza u ġie deċiż li tingħażel l-orħos offerta. Din is-sistema għandha titħaddem bejn it-8.00 am u 12:00 pm u bejn l-4.00pm u l-10.00 pm

48.09 **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti numru 08/48**

48.09.01 L-iskeda tal-pagamenti nru 08/48 ġiet approvata unanimament.

48.09.02 Il-lista tal-infieq li sar mill-*Petty Cash* matul Settembru 2022 ġiet approvata unanimament.

48.10 **Tmiem tal-laqgħa u qbil fuq data u ħin tal-laqgħa li jmiss**

48.10.01 Il-laqgħa ntemmet fl-9:45 pm u ġie deċiż li l-laqgħa li jmiss issir l-Erbgħa 23 ta' Novembru fil-5:00 pm

Konfermati illum l-Erbgħa 23 ta' Novembru 2022.

| | |
|---|---|
| Grace Marie Zerafa<br>Sindku | Fabian Mizzi<br>Deputat Segretarju Eżekuttiv |